MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 2323/1998/1

L-Avukat Dottor Anthony Rutter Giappone fil-kwalita` tieghu ta` mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Giardina s.r.l.

vs

Medeuro Trading Centre Limited

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:

Illi s-socjeta` konvenuta tinsab debitrici favur is-socjeta estera attrici fis-somma ta` hdax-il miljun, sebgha mija u sebat elef u sitt mitt liri taljni (LIT11.707.600) li bir-rata

odjerna jammontaw ghal elfejn u sitt mitt liri maltin (Lm2600) rapprezentanti prezz ta` merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata skond invoice numru 12 datata 22 ta` Frar 1996 (Dok A) u liema kreditu hu cert likwidu u dovut;

Illi nonostante li s-socjeta` konvenuta giet interpellata anke ufficjalment sabiex thallas baqghet inadempjenti;

Illi s-socjeta` konvenuta m`ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet attrici;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici estera qed titlob li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti:

tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur ta` l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili;

tikkundanna lis-socjeta` konventa thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` hdax-il miljun, sebgha mija u sebat elef u sitt mitt liri taljani (LIT 11.707.600) li bir-rata odjerna jammontaw ghal elfejn u sitt mitt liri maltin (Lm2600) rapprezentanti prezz ta` merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata kif fuq imsemmija;

Bl-imghax legali mit-22 ta` Frar 1996 sad-data ta` l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluz dawk ta` l-ittra interpellatorja ta` l-14 ta` Lulju 1998, ta` l-ittra ufficjali tat-28 ta` Lulju 1998 u tal-mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment mac-citazzjoni kontra s-socjeta` konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta` l-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-affidavit tal-attur nomine;

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie eccepit:

Preliminarjament il-fatt illi l-ammont pretiz mill-attur nomine huwa diga mhallas;

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-fatt illi l-ammont pretiz mill-attur nomine huwa eccessiv u ma jirriflettix il-valur ta` bejgh li sar lis-socjeta` konvenuta;

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-fatt illi l-merkanzija mibghuta ma kenitx tal-kwalita` pattwita u attwata ghall-iskop li ghalih giet ordnata;

Ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Semghet lix-xhud prodott mill-attur nomine;

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta konvenuta;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Frar 2001 minn fejn jirrizulta li s-socjeta konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni cioe’ dik rigwardanti li l-ammont pretiz gia’ thallas;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur nomine;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta konvenuta;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ulterjuri tal-attur nomine;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni s-socjeta attrici estera Giardina s.r.l. tippremetti li s-socjeta` konvenuta hi debitrici taghha fis-somma ta` hdax-il miljun, sebgha mija u sebat elef u sitt mitt liri taljni (LIT11.707.600), li bir-rata skond id-data tal-presentata tac-citazzjoni jammontaw ghal elfejn u sitt mitt

liri maltin (Lm2600), rapprezentanti prezz ta` merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta. Ghalhekk l-istess socjeta attrici qed titlob li s-socjeta` konvenuta tigi kundannata thallas l-imsemmija somma;

Da parti taghha s-socjeta konvenuta qed teccepixxi preliminarjament li l-ammont pretiz huwa gia mhallas. Sussidjarjament qed teccepixxi illi l-ammont pretiz hu eccessiv u ma jirriflettix il-valur tal-bejgh in kwestjoni u illi l-merkanzija de quo ma kenitx tal-kwalita` pattwita u attwata ghall-iskop li ghalih giet ordnata;

Fil-kors ta' dawn il-proceduri s-socjeta konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni preliminari taghha cioe' dik rigwardanti li l-ammont pretiz gia' thallas. Ghalhekk, oltre li jigu esaminati t-talbiet attrici, ikun jonqos li jigu esaminati l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta konvenuta u cioe' li l-ammont pretiz hu eccessiv u li l-merkanzija in kwestjoni ma kienitx tal-kwalita` pattwita;

Mill-provi prodotti jirrizulta li is-socjeta konvenuta ghamlet ordni lis-socjeta attrici estera li permezz taghha l-istess socjeta konvenuta akkwistat senjaletika (sinjali tat-traffiku). Direttur tas-socjeta konvenuta xehed li din l-ordni saret tramite terzi, cioe' certu Franco Vitale, li b'xi mod kellu xi konnessjonijiet mas-socjeta attrici. L-istess direttur tas-socjeta konvenuta xehed li, in effett, is-socjeta attrici bghatet iktar materjal milli dak li gie ordnat. Dirigent tas-socjeta attrici ma eskludix dan il-fatt, anzi l-istess dirigent ikkonferma li mal-materjal ordnat mis-socjeta konvenuta, ntbghat ukoll materjal li kien serva lis-socjeta attrici biex tghamel promozzjoni tal-prodotti taghha hawn Malta. Din il-promozzjoni kienet esklusivament a kariku tas-socjeta attrici. L-istess dirigent tas-socjeta attrici zied jghid li dan il-materjal "extra" in effett ma giex fatturat. F'dan ir-rigward dan ix-xhud tal-ahhar ma giex kontestat;

Mill-provi jidher li s-socjeta hallset xi taxxi u dazju fuq dan il-materjal "extra" u ghalhekk is-socjeta konvenuta ghandha tigi rimborsata ta' dak li hallset f'dan ir-rigward;

L-istess direttur tas-socjeta konvenuta jilmenta li s-socjeta attrici kienet bghatet xi zebgha li ma kienitx ta’ kwalita’ tajba u kienet inferjuri ghal dik li kienet intuzat meta saret l-imsemmija promozzjoni mis-socjeta attrici;

Apparti l-fatt li mhux zgur li z-zebgha in kwestjoni ma kinitx ta’ l-istess partita li ntuzat ghall-imsemmija promozzjoni, dawn l-ilmenti ma jirrizultawx sufficjentement pruvati. F’dan ir-rigward l-istess xhud konvenjentement qal li z-zebgha ntremiet u ghalhekk ma setghet issir l-ebda prova oggettiva f’dan is-sens. L-istess direttur qal li  dwar il-kwalita’ taz-zebgha, huwa kellu ukoll ilmenti minn diversi klijenti. Is-socjeta konvenuta, pero’, naqset li tipproduci dawn il-klijenti biex jixhdu;

F’dan l-istadju ghandu jinghad li x-xhud prodott mis-socjeta konvenuta jirreferi diversi drabi ghar-rwol li kellu l-imsemmi Vitale fil-fatti in kwestjoni. Is-socjeta konvenuta pero’, anke f’dan ir-rigward, naqset li tipproduci biex jixhed lill-istess Vitale;

L-istess direttur tas-socjeta konvenuta qal li kien hemm uhud mis-sinjali in kwestjoni li ma kienux tajbin ghat-traffiku ta' Malta. F’dan ir-rigward l-imsemmi dirigent tas-socjeta attrici ma eskludix li setghu ntbghatu xi sinjali li ma kienux adattati ghat-traffiku ta' Malta. Huwa kkonerma ukoll li s-socjeta attrici kienet lesta li, ghar-rigward ta' dawn is-sinjali, tnaqqas l-import ta' dawn l-istess sinjali mill-fattura shiha. F’dan ir-rigward ma jirrizultax kemm kien il-valur ta’ dawn is-sinjali u ghalhekk, f’dan ir-rigward, trid issir valutazzjoni ta’ dawn is-sinjali “arbitrio boni viri”;

Mill-kumpless tal-provi kollha prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u ghalhekk l-istess talbiet ghandhom jigu akkolti. Ghandu isir pero’ tnaqqis mis-somma kollha mitluba, liema tnaqqis jirreferi ghat-taxxi u dazji li thallsu mis-socjeta konvenuta fuq materjal li kellu jintuza mis-socjeta attrici estera ghal-promozzjoni tal-prodtti taghha u li jirreferi ukoll ghal valur ta’ sinjali li ma kienux adattati ghat-traffiku malti. Dan it-tnaqqis qed jigi valutat “arbitrio boni viri” fis-somma ta’ zewg miljuni, seba mija u u sebat elef u sitt mija lir taljani (Lit 2.707.600). Konsegwentement

is-socjeta’ konvenuta ghandha tigi kundannata thallas is-somma ta’ disa miljuni liri taljani (Lit 9.000.000) jew l-ekwivalenti ta’ din is-somma f’euro jew f’liri maltin;

Jigi rilevat li l-imsemmi dirigent tas-socjeta attrici kkonferma (u mhux kontradett) li qabel ma saret l-ordni in kwestjoni kien sar ftehim verbali bejn il-partijiet dwar il-prezzijiet u skonti li setghu jinghataw. Dan il-ftehim verbali kien ukoll jinkludi li s-socjeta' konvenuta kellha thallas parzjalment ghat-trasport. Inoltre jirrizulta li s-socjeta konvenuta in effett kienet ikkonsenjat zewg cekkijiet lis-socjeta attrici bhala hlas tal-merkanzija in kwestjoni, liema cekkijiet pero’ qatt ma ssarfu u dana jidher minhabba r-regolamenti relattivi vigenti fiz-zmien in kwestjoni. Dana kollu jikkonferma dak li qal id-dirigent tas-socjeta attrici li s-socjeta konvenuta qatt ma ilmentat maghha la dwar il-prezzijiet u lanqas dwar il-kwalita’ ta-merkanzija konsenjata;

In vista tal-premess is-sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta ghandhom jigu akkolti pero’ limitatament ghal dak li jirrizulta li l-istess socjeta konvenuta hallset bhala taxxi u dazji fuq merkanzija “extra” li bghatet is-socjeta atttrici u ghal dak li gie fatturat mis-socjeta attrici ghar-rigward ta’ parti mill-merkanzija mibghuta u li ma kienitx tajba ghat-traffiku malti. L-ammont li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kundannata thallas lis-socjeta attrici gie valutat “arbitrio boni viri” fis- somma ta’ disa miljuni liri taljani (Lit 9.000.000);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici pero’ limitatament ghas-somma ta’ disa miljuni liri taljani (Lit 9.000.000) u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta` konventa thallas lis-socjeta` attrici estera l-istess somma ta’ disa miljuni liri taljani (Lit 9.000.000) jew l-ekwivalenti ta’ din is-somma f’euro jew f’liri maltin liema somma tirrappresenta prezz ta` merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjeta konvenuta u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez jithallsu kwantu ghal erba partijiet minn hamsa (4/5) mis-socjeta konvenuta u kwantu ghar-rimanenti kwint (1/5) mis-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------